L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 3 ta’ Settembru 2004

# Kundizzjonijiet Kordin

Xtaqt illum nitfa’ harsti lejn il-kundizzjonjiet li qeghdin jinzammu fihom kemm ir-residenti kif ukoll il-gwardjani fil-Habs ta’ Kordin. Dan bla ma ninsa barra nies ohra li jiffrekwentaw dawn il-facilitajiet ghal diversi ragunijiet ohra, anke b’dover.

**Sahhet ir-residenti**
Wahda mill-problemi li huma nkwetati biha r-residenti hija sahhithom. Allegatament residenti li jkollhom mard, anke ta’ kuljum, bhal influwenza, ecc., qeghdin jithallew ibatuh ghal granet shah u tobba li suppost izuruhom biex jezaminhawhom, minflok ma jaghmlu dan kif suppost, matul iz-zjara taghom sempliciment joqoghdu fil-‘kitchenette’ u jippreskrivu l-medicina bla ma jaraw lill-pazjent. Gieli ghalhekk qed jigri li prigunieri qeghidn jispiccaw biex minn mard is-soltu negligibbli jispicaw biex is-sitwazzjoni taghhom tant tiddeterjora sakemm jinghata kas taghhom li jkollhom jittiehdu l-isptar. Min-naha l-ohra, jekk huwa kif qed jigi allegat, li xi tobba qeghdin jippreskrivu medicini bla ma jaghmlu ‘check-up’ kif misthoqq lir-residenti dan ifisser twettiq tal-professjoni b’negligenza li m’ghandix ghalfejn nelabora zzejjed kif thares lejh il-ligi.

**Drogi**
Storja li diga smajniha fil-medja hija l-ammont ta’ droga li qieghda ticcirkola bejn l-erba; hitan ta’ din l-istituzzjoni u lid an l-ahhar ikkonfermajta personalment. Kull tip ta’ droga tezisti fil-facilitajiet u persuni li dahlu hemm gew bla ma qatt kienu hadu droga, spiccaw biex haduha l-ewwel darba hemmhekk. Dan iwassal biex meta dawn il-prigunieri jitilqu bil-problema tad-droga. Wiehed jistaqsi x’gharfien ghandhom il-gwardjani tas-sitazzjoni u x’qeghdin jaghmlu biex jghmlu dan il-post inaccessibbli kem jista’ jkun ghal traffikar ta’ droga.

**Nuqqas ta’ gwardjani**
Minn kummenti li hadu jirrizulta li m’hemmx bizzejjed gwardjani / pulizija li jahdmu mal-prigunieri. Dan qed iwassal biex l-istess persuni jahdmu sieghat twal fil-gimgha, bil-lejl u bi nhar u b’hekk jispiccaw sahansitra jorqdu fuq xogholhom. Gwardjan partikolari sahansitra spica biex hadem 96 sighat f’gimgha wahda.

Wiehed jistaqsi, persuna mfarrka bil-ghejja tkunx f’pozizzjoni li zzomm kontroll f’sitwazzjoni ta’ emergenza f’post bhal dan fejn ta’ sikwit iqumu kontroversji mir-residenti. Sahansitra fl-affarijiet ta’ kuljum, bhal f’vizti minn nies barranin li jmorru jzuru lir-residenti, gwardjan nofsu rieqed huwied attent bizzejjed biex jara x’jista’ jghaddi bejn ir-resident u l-vizitatur jew inmella biex jissorvelja l-movimenti tal-prigunieri.

Minbarra hekk, ninsab infromata wkoll li persuna li tkun tista’ tahdem il-habs kellha l-applikazzjoni taghha rifjutata ripetutament. Minhabba f’hekk dan il-pulizija kellu johrog mill-korp. Danifisser li minkejja li persuni li jahdmu fil-facilitajiet korrettivi ta’ Kordin sikwit jinstemghu jgergru li qeghdin jahdmu zejjed, u minkejja li s-sitwazzjoni ta’ mpjieg taghhom qieghda tispicca b’kundizzjonjiet ta’ xohgol ferm hziena minkejja l-importanza kbira li ghandha tinghata lil dawn il-gwardjani jkunu lucidi waqt xogholhom kemm minaba sigurta’ fil-facilitajiet infushom kif ukoll lis-socjeta’ (liema sigurta’ tista’ tigi mhedda meta jkun hemm harbiet bhalma gara fil-passat) – xorta wahda certu persuni qeghdin jigu mcahhda milli jimpjegaw ruhhom hemmhekk.

Wiehed jista' li dan qed isir forsi minaba nuqqas ta' fondi f'pagi ghall-haddiema, pero', an zgur li ma jrrizultax ghax kif kulhadd jaf, jekk haddiema ohra qeghidn jinghataw hinijiet twal ta' 'over-time' dan ifisser li l-facilitajiet qeghidn johorgu iktar flus. Ovvjament iktar flus, b'inqas sigurta'. Ghalhekk hemm xi raguni li qieghda ggieghel li certu nies jigu ppreferuti biex ikllhom il-facilita' llimitata li jahdmu 'over-time' u ohrajn qeghdin jithallew barra. L-ikbar detriment, inútil wiehed jghid, ikun ghas-socjeta' ta' barra li qeghda mohhha mistrieh li l-facilitajiet huma marras minn nies professjonali skond kundizzjonijiet professjonali f'eventwalita' ta' rvellijiet u harbiet.

**Prezzijiet kummercjali**

Prezzijiet li bihom jinxtraw prodotti ta' l-ikel u ohrajn sanitarji jinbieghu bi prezzijiet tal-hwienet ta' barra – jigifieri bi qligh. Huwa dn l-iskop li l-habsin jigu pprovduti b'certu prodotti? Jew forsi wiehed jikkunsidra li minn fuq persuni detenuti r-rati junu inqas minn dak kummercjali? Wara kollox pesuni detenuti fil-facilita' m'ghandhomx il-liberta' li jaghzlu bejn hanut u iehor bhalma ghandu l-konsumatur fis-suq.

Xi prezzijiet ohra sahansitra huma kemmxejn oghla. Per ezempju cards tat-telephone qeghdin jinbieghu Lm2.01 flok Lm2.00.

Mill-banda l-ohra cetu prigunieri qeghdin isibu kemm centezmi kif ukoll liri neqsin mill-ftit flus li jircievu.

**L-appell tal-pruginieri**

L-appell tal-prigunieri dejjem ikun li ghalkemm huwa kkommetta zbalji u qieghed ihallas ghalihom, xorta wahda ghandhom jigu ttratati sewwa min-nies ta' madwarhom. Allegatament zewg prigunieri ppruvaw jikkommettu suwicidju. Kienu prigunieri li qeghdin jghixu f'celel mahmuga u mitluqin. Il-habs huwa post ta' riabilitazzjoni izda affarijiet bhal dawn ma jghinux biex prigunier jirrijabilita ruhu.